



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 27/24

CO EUR 21
PV/CO EUR 9

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (27 ta' Ġunju 2024)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2024, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

1.	Skambju ta' fehmiel mal-President tal-Ukrajna	3
2.	Skambju ta' fehmiel mal-President tal-Parlament Ewropew	3
3.	Adozzjoni tal-aġenda	3
4.	L-Ukrajna	3
5.	Il-Lvant Nofsani	3
6.	Sigurtà u difiża	3
7.	Kompetittività	4
8.	Punti oħra	4
9.	Iċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss	4
10.	Pjan direzzjonali għal ħidma futura fuq riformi interni	5
11.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	5
12.	Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024 u d-deċiżjoni li jsiru pubbliċi	5

1. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju informali ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna, Volodymyr ZELENSKYY.

2. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

3. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 16/24.

4. L-Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew ġedded l-impenn sod tal-UE li tkompli tipprowdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa.

Il-Kunsill Ewropew qies li l-miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna għandhom jiġu estiżi b'sitt xhur sal-31 ta' Jannar 2025.

5. Il-Lvant Nofsani

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

6. Sigurtà u difiża

B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-ħtiġijiet tad-difiża urġenti, immedjati u fuq terminu medju u l-inizjattivi Ewropej tad-difiża u kellu l-ewwel diskussjoni dwar l-għażliet għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għad-difiża Ewropea.

7. Kompetittività

Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress tal-inizjattivi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, tiġi żgurata r-reżiljenza ekonomika tagħha u jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, filwaqt li appella għal progress rapidu u deċiżiv fl-oqsma kollha tal-patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea sa tmiem is-sena. Huwa ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni.

8. Punti oħra

Il-Kunsill Ewropew indirizza:

- il-migrazzjoni;
- il-Baħar l-Iswed;
- ir-Repubblika tal-Moldova;
- il-Georgia;
- it-theddid ibridu; u
- il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija.

9. Iċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss

Il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni li teleġġi lil António COSTA bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Mejju 2027 (EUCO 20/24), bil-membri tal-Italja tivvota kontra. Huwa talab lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill biex tassisti lill-President elett tal-Kunsill Ewropew matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-Kunsill Ewropew laqa' d-Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar lil António COSTA bħala President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Mejju 2027 (10769/24), bil-membri tal-Italja tivvota kontra.

Il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni li tipproponi lil Ursula VON DER LEYEN lill-Parlament Ewropew bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea (EUCO 21/24), bil-membri Ungeriż jivvota kontra u l-membri tal-Italja tastjeni.

Il-Kunsill Ewropew iddikjara li huwa jqis lil Kaja KALLAS bħala l-kandidat adatt għal Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, soġġett għall-qbil tal-President eletta tal-Kummissjoni, bil-membri tal-Italja tindika l-intenzjoni tagħha li tivvota kontra d-deċiżjoni u l-membri Ungeriż jindika l-intenzjoni tiegħu li jastjeni.

Il-Kunsill Ewropew adotta l-Aġenda Strateġika ġdida għall-Unjoni għall-2024-2029.

10. Pjan direzzjonali għal ħidma futura fuq riformi interni

Il-Kunsill Ewropew adotta pjan direzzjonali għal ħidma futura dwar riformi interni.

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress f'Ġunju 2025 u jagħti aktar gwida kif meħtieġ.

11. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 15/24.

12. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024 u d-deċiżjoni li jsiru pubbliċi

Il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu li saret fis-17 u t-18 ta' April 2024 kif jinsabu fid-dokument EUCO 14/24 u ddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.
